

Brussell, 14 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13483/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0299(NLE)

RESUA 23
UA PLATFORM 12
FIN 1138
ECOFIN 1278
ELARG 106
COEST 718
DEVGEN 160

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda
d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 dwar
l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (il-“Pjan”) mill-Ukrajna fl-20 ta’ Marzu 2024, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva dik il-valutazzjoni pożittiva bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447².
- (2) Mill-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kunsill ’il hawn, u f’konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2024/792, ġiet żborżata somma ta’ EUR 6 000 000 000 lill-Ukrajna bħala finanzjament tranżitorju eċċezzjonali, u ġiet żborżata somma ta’ EUR 1 890 000 000 lill-Ukrajna fil-forma ta’ prefinanzjament li jirrappreżenta pagament avvanzat ta’ 7 % tal-appoġġ fil-forma ta’ self li l-Ukrajna hija eliġibbli li tirċievi skont il-Pjan. Ġiet żborżata somma addizzjonali ta’ EUR 14 995 446 398 lill-Ukrajna fl-ewwel erba’ pagamenti parzjali skont il-Pjan skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (3) Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna għadha diffiċli ħafna l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja li għadha għaddejja qed iddewwem l-irkupru ekonomiku u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u qed tpoġġi pressjoni enormi fuq il-kapaċitajiet amministrattivi tagħha. Konsegwentement, xi passi kwalitattivi u kwantitattivi skont il-Pjan ma għadhomx jistgħu jinkisbu mill-Ukrajna, la parzjalment u lanqas totalment, b’mod partikolari f’termini ta’ żmien tagħhom.

² Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta’ Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 14.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj).

- (4) Fis-7 ta' Awwissu 2025, wara li kkonsultat lill-Verkhovna Rada, l-Ukrajna pproponiet emendi għall-Pjan skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2024/792 (l-“emendi proposti”), minħabba li l-Pjan parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi.
- (5) L-emendi proposti jikkonċernaw 46 mill-146 stadju kwalitattiv u kwantitattiv stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447. L-emendi proposti jirreferu għall-istadji li għandhom jiġu implimentati bejn Q3- 2025 u Q4- 2027. Għal għaxra minn dawk il-istadji, l-Ukrajna pproponiet li testndil-iskadenza inizjali, u ġew avvanzati erba' stadji. Id-deskrizzjoni ta' 36 stadju ġiet kemxejn emendata, l-aktar biex jiġu kkoreġġuti żbalji klerikali. Żewġ stadji kull wieħed inqas fi tnejn, żewġ stadji ġew amalgamati fi stadju wieħed, u stadju wieħed marbut ma' mira interim tħassar. L-allokazzjonijiet ta' investment tnaqqsu biex jirriflettu sorsi alternattivi ta' donaturi għal investimenti speċifiċi jew domanda aktar baxxa milli kien mistenni inizjalment, li jippermetti li l-ammonti jiġu riallokati għall-appoġġ baġitarju ġenerali. Tali riallokazzjoni tirrifletti, u tgħin biex jiġu indirizzati, il-pressjonijiet fiskali maħluqa mill-gwerra li għaddejja. Konsegwentement, l-għadd totali ta' stadji fil-Pjan u l-għadd inizjali ta' riformi u investimenti ma nbidlux. Ġew proposti xi emendi rigward l--arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Pjan, il-monitoraġġ tiegħu u r-rappurtar dwaru, mingħajr ebda impatt fuq il-valutazzjoni inizjali tal- mill-Kummissjoni tal-Pjan.

- (6) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, il-komprensività u l-adegwatezza tal-emendi proposti. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni kemm jista' jkun aġixxiet f'kooperazzjoni mal-Ukrajna. Il-Kummissjoni vvalutat b'mod partikolari jekk l-emendi proposti jirrappreżentawx rispons ibbażat fuq il-ħtiġijiet, komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi tal-Faċilità għall-Ukrajna, jekk jikkontribwixxux għall-isfidi rilevanti identifikati fil-kuntest tal-perkors tal-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni u jekk humiex konsistenti magħhom, jekk humiex konsistenti mal-prinċipji ġenerali tal-Faċilità għall-Ukrajna stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/792, u jekk jissodisfawx il-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni tal-Ukrajna. L-emendi proposti jżommu l-ambizzjoni tal-Pjan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, għall-promozzjoni tal-istat tad-dritt, għall-oġġettivi soċjali u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tishiġ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. L-emendi proposti ma jaffettwawx l-arranġamenti attwali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni vvalutat jekk il-Verkhovna Rada ġietx ikkonsultata kif xieraq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tal-Ukrajna, jekk l-emendi proposti jqisux, fejn xieraq, l-inputs tal-partijiet ikkonċernati, u jekk l-emendi proposti jiżgurawx li donaturi oħra jkunu jistgħu jappoġġaw l-oġġettivi tal-Pjan.

- (7) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi proposti ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-Pjan stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 fir-rigward tar-rilevanza, il-komprensività u l-adegwatezza tal-Pjan. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset b'mod partikolari l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18(3), il-punti (a) sa (l), tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (8) Skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni tqis li l-emendi proposti huma ġġustifikati.
- (9) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/792, huwa possibbli li Stati Membri, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jipprovdu kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-Faċilità għall-Ukrajna, inkluż il-Pjan.

- (10) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/792, l-Iżvezja se tipprovdi SEK 750 000 000, li huwa l-ekwivalenti ta' madwar EUR 67 000 000, bħala kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli. Dik il-kontribuzzjoni tikkostitwixxi dħul assenjat estern. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni ta' dik il-kontribuzzjoni f'konformità mal-proċeduri applikabbli għan-nefqa tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proċeduri skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u r-Regolament (UE) 2024/792.
- (11) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Iżvezja tkun disponibbli għall-Ukrajna soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' ftehim ta' trasferiment bejn l-Iżvezja u l-Kummissjoni u t-trasferiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata. Dik il-kontribuzzjoni finanzjarja hija allokata għas-seba', it-tmien u d-disa' pagament trimestrali tal-Pjan u hija mistennija li tiġi żborżata soġġett għat-twettiq sodisfaċenti tal-pistadji kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti. L-ammonti tas-seba', it-tmien u d-disa' pagament parzjali tal-Pjan se jiġu aġġustati kif xieraq biex jitqies l-ammont finali ta' dik il-kontribuzzjoni finanzjarja esprese f'euro li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata tal-kambju uffiċjali meta jsir it-trasferiment.

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (12) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi proposti jikkonformaw b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2024/792, u jenħtiegħ li l-emendi proposti jiġu vvalutata b'mod pożittiv. Għalhekk jenħtiegħ li l-valutazzjoni tiġi approvata u jenħtiegħ li jiġu stabbiliti f'din id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2024/792 l-istadji kwalitattivi u kwantitattivi meħtieġa biex jiġi implimentat l-Pjan għall-Ukrajna, kif emendat b'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, u l-ammont addizzjonali li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni.
- (13) Jenħtiegħ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna

Abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2024/792, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, kif emendat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni mntal-Kunsill (UE) 2025/...⁺, fuq il-bażi hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment deskritti fil-Pjan għall-Ukrajna emendat, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, inkluż l-istadji kwalitattivi u kwantitattivi, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fejn applikabbli, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jingħataw aċċess sħiħ għad-dokumenti u d-data sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

* Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, ..., ELI: ...).”;

⁺ ĠU Daħħal in-numru ta' referenza għal din id-Deċiżjoni (dokument ST 13483/25) u kkompleta n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

(2) fl-Artikolu 2, jizzied il-paragrafu li ġej:

“4. Kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali, fil-forma ta’ appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għall-ekwivalenti f’euro ta’ SEK 750 000 000 bir-rata tal-kambju uffiċjali fiż-żmien tat-trasferiment tal-kontribuzzjoni mill-Iżvezja għall-Faċilità għall-Ukrajna, għandha ssir disponibbli għall-Ukrajna skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/792.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu għandha tiġi implimentata f’konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.”;

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill
Il-President*
